TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024**

**Talba Nru: CCT29/24/DS**

**Alexander Borg**

**Vs**

**Portelli & Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Frar, 2024 fejn talab ħlas lura ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€620) illi huwa kien ħallas għal blinds illi ftit wara li nxtraw kellhom problemi illi anke wara li kien hemm tentattiv illi jitranġaw baqgħu difettużi;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi mill-provi rriżulta illi l-attur xtara roller blinds li ġew installati fid-19 ta' Jannar, 2023 liema blinds tħallsu fit-totalita' tagħhom fl-ammont ta' sitt mija u għoxrin Ewro

(€620). Erbgħa minn sitt blinds bdew juru problemi wara xahrejn. Tekniku tas-soċjeta' intimata prova jsewwi uħud minnhom fuq il-post u uħud minnhom ittieħdu għat-tiswija.

Kemm dawk li ssewwew fuq il-post kif ukoll dawk li ttieħdu għat-tiswija reggħu preżentaw l-istess problemi u blind minnhom ma gietx ritornata lura.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata kemm bl-avviż tas-smiegħ kif ukoll bit-talba fid-29 ta' Frar, 2024. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament u cioe' illi l-ħlas tad-depositu sar u ser tistrieħ fuq ix-xhieda ġuramentata mhux kontradetta mis-soċjeta' intimata illi l-blinds kienu u baqgħu difettużi u li waħda minnhom ma ġietx irritornata.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-aġir tas-soċjeta' konvenuta kkawża inkonvenjent ċar lill-attur illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€620) lill-attur filwaqt illi tordna illi malli jsir il-ħlas is-soċjeta' attriċi tiftiehem mal-attur ġurnata li tkun konvenjenti biex tmur a spejjeż tagħha taqla' l-*blinds* mill-propjeta' tiegħu filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tirritorna l-

*blind* li tinsab għandha. Dan it-Tribunal jikkundanna ukoll lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**